MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 145/2004

**Adolf Mangion**

**vs**

**Maria Farrugia illum mizzewga Thewma**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet unikament responsabli ghat-thassir ta' l-eghrusija bejn il-kontendenti, tghid ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallsu dik is-somma li tigi likwidata minn

din l-onorabbli qorti, rapprezentanti sehem l-attur minn depoziti u oggetti mobbli ohra mizmuma in komun, flimkien ma' danni sofferti mill-attur konsegwenti l-istess thassir ta' l-eghrusija;

2. Illi ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000.00,0);

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-3 ta' Marzu tas-sena 2003 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata t-30 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi, l-eghrusija thassret tort unikament tal-attur;

2. Illi ghalhekk qed jigu kontestati kwalsiasi talba ghad-danni, mobbli u depoziti;

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur u l-konvenuta ghamlu perjodu pjuttost twil johorgu flimkien u kienu ilhom jaghmlu hekk minn mindu kellhom hmistax (15) – il sena;

2. Illi peress li t-tnejn li huma kienu jirrisjedu fl-istess lokalita' kienu jiltaqghu kwazi kuljum;

3. Illi wara madwar sena li kienu ilhom johorgu flimkien iddecidew li jizzewgu;

4. Illi bil-ghan li jkunu jistghu jikkoronaw ix-xewqa taghha iddecidew ukoll li jgemmghu il-flus li kienu jiddepozitaw f'"fixed account" f'Bank lokali f'isem il-konvenuta;

5. Illi kienu waslu wkoll biex jiffissaw id-data ta-zwieg wara l-eghrusija;

6. Illi wara c-cerimonja ta' l-eghrusija jirrizulta li l-affarijiet bejn il-partijiet f'din il-kawza ma baqghux l-istess;

7. Illi eventwalment din il-koppja spiccat f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-akkont fuq indikat il-konvenuta ssostni bl-aktar mod kategoriku li d-depoziti li kienu jitpoggew go fih kienu kollha ta' flus appartenenti lilha;

Illi l-istess konvenuta ssostni wkoll li xi ammonti ta' flus li kien ghad fadal wara li thallset ic-cerimonja ta' l-eghrusija inqassmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, (ara fol 19);

Illi effettivament l-attur jikkontradixxi dan u jsostni u ghandu jiehu aktar;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hi naxxenti mill-allegazzjoni ta' l-attur kif kontenuta fl-avviz promotur illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghat-thassir ta' l-eghrusija taghhom;

Illi ovvjament affermazzjoni bhal din jehtieg li tigi ppruvata - haga li fil-fehma ta' din il-qorti l-attur ma rnexxilux jaghmel;

Illi konsegwentement, la din il-premessa ma gietx debitament pruvata, allura l-konsegwenzjali minnha naxxenti ma jistghux javveraw ruhhom;

Illi di piu, jirrizulta mill-atti kif prodotti li l-partijiet itterminaw l-eghrusija b'mod reciproku;

Ghaldaqstant din il-qorti waqt li qed takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta tirrespingi l-premessa attrici flimkien mat-talbiet konsegwenzjali ghaliha, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------